# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

It-II Ħadd tal-Avvent
Sena A

**Introduzzjoni**
Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tat-Tieni Ħadd tal-Avvent. Hekk kif qegħdin nippreparaw ruħna għall-miġja ta' Ġesù fostna, il-liturġija ta' dan il-Ħadd tħeġġiġna sabiex inkomplu niftħu qalbna u nħejju t-triq għaliH.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 11, 1-10)
Il-profeta Isaija jgħidilna li fl-Aħħar Jum, Alla ser jiġġudikana bil-ġustizzja skont dawk l-għemejjel li nkunu wettaqna fil-ħajja tagħna.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**It-Tieni Qari** (Rum 15, 4-9)
F'din l-ittra lir-Rumani, San Pawl jgħid li kien Alla nnifsu li għażel li jilqa' lilna l-bniedmin. Min-naħa tiegħu, il-bniedem irid jirreċiproka din il-laqgħa ma' Alla li twassal għas-salvazzjoni tiegħu nnifsu.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 3, 1-12)
Ġwanni l-Battista jsejjaħ għall-indiema u l-bidla tal-qalb tal-bniedem. Din il-bidla twassal għall-kisba tal-Ħajja ta' Dejjem.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Biex nilqgħu verament lil Ġesù fostna fil-Milied li ġej, irridu nħejju ruħna sa minn issa f'dan iż-żmien tal-Avvent. Ejjew għalhekk noffru lil Alla l-ħidmiet kollha li nwettqu.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Biex ngħixu ta' veri Nsara neħtieġu l-għajnuna u l-qawwa li tiġi biss mingħand Alla. Fit-Tqarbin, aħna nirċievu dik il-qawwa li tgħinna u tmexxina lejn dak li hu verament importanti.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.